

Brussell, 22 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12189/25

PECHE 233
DELECT 109

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5534 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'8.8.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5534 final.

Mehmuż: C(2025) 5534 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.8.2025
C(2025) 5534 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 8.8.2025

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-estensjoni tal-miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar
Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-eliminazzjoni progressiva tal-iskartar tal-ħut fis-sajd kollu tal-UE hija objettiv ewlieni tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)¹. Ċertu sajd demersali ilu soġġett għal obbligu ta' ħatt l-art mill-1 ta' Jannar 2016 u mill-1 ta' Jannar 2019 dan japplika għall-qabdiet kollha ta' speċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid fl-Ilmijiet tal-Majjistral. Ir-Regolament jipprevedi wkoll li ssir aktar reġjonalizzazzjoni biex ikun żgurat li r-regoli jiġu adattati għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull tip ta' sajd u ta' kull żona tal-baħar.

Ir-Regolament (UE) 2019/1241², li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 2019, jistabbilixxi qafas ta' miżuri tekniċi biex jgħinu lill-UE tilħaq l-objettivi tal-PKS għas-sajd f'livelli ta' rendiment massimu sostenibbli (MSY, maximum sustainable yield), tnaqqas il-qabdiet mhux mixtieqa u telimina l-iskartar, filwaqt li tikkontribwixxi għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE³. Tali miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber u tal-ġelejeb ta' speċijiet tal-baħar permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv. L-Anness VI ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tekniċi reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral.

Meta l-Kummissjoni tkun inġhatat setgħat biex tadotta miżuri permezz ta' atti delegati, l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jilhqnu l-objettivi tal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti tal-UE, il-pjanijiet pluriennali jew il-pjanijiet speċifiċi għall-iskartar.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tqis l-ispeċifikitajiet reġjonali tas-sajd rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fit-30 ta' April 2021, l-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral (il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda u n-Netherlands), li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd rilevanti fl-istokkijiet tal-bakkaljaw u tal-merlangu fl-Ilmijiet tal-Majjistral fil-Baħar Ċeltiku li huma taħt il-punt ta' referenza ta' limitu għall-bijomassa tal-istokk riproduttiv (B_{lim}), ippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni li tipproponi miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw u għall-merlangu fil-Baħar Ċeltiku u miżuri addizzjonali ta' selettività bl-għan li jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-gadojd fil-Baħar Irlandiż. Din ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet implimentata permezz tar-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

² Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>).

³ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.06.2008, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj>).

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2324⁴ u sussegwentement ġiet aġġornata u estiża tliet darbiet, l-aktar reċenti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/283⁵.

Il-miżuri konġunti bejn l-UE u r-Renju Unit bħalissa qed jiġu diskussi fil-Komitat Speċjalizzat għas-Sajd (SCF, Specialised Committee on Fisheries) iżda għadu ma ntlahqx qbil dwarhom. Mingħajr ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit dwar miżuri tekniċi, b'mod partikolari għall-istokkijiet tal-ħut maqbuda f'sajd imħallat fil-Baħar Ċeltiku, u fid-dawl tal-istat ta' tħassib tal-istokkijiet tal-ħut fil-Baħar Ċeltiku u fil-Baħar Irlandiż, se jibqgħu meħtieġa miżuri ta' rimedju għal stokkijiet b'livelli ta' bijomassa taħt il-B_{lim}, kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/472⁶ (pjan pluriennali għall-ilmijiet tal-Punent), biex jiġi żgurat li l-istokk jew l-unità funzjonali kkonċernati jkun jistgħu jerġgħu lura għal livelli ogħla minn dawk li kapaċi jipproduċu l-MSY malajr kemm jista' jkun.

Il-miżuri tekniċi adottati skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/283 se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2025. Għalhekk, fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral ippreżenta Rakkomandazzjoni Konġunta lill-Kummissjoni fejn talab li l-miżuri tekniċi jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2026.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-approċċ reġjonalizzat, l-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral ippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta fejn ipproponew miżuri tekniċi speċifiċi għall-Baħar Ċeltiku, għall-Baħar Irlandiż u għall-Punent tal-Iskozja.

B'segwitu għall-evalwazzjoni pożittiva tar-rakkomandazzjoni konġunta mill-Komitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries)⁷, il-miżuri tekniċi ġew implimentati permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2324 u sussegwentement ġew aġġornati u estiżi darbtejn, l-aħħar permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/283.

Il-miżuri tekniċi adottati skont dan ir-Regolament tal-aħħar se jiskadu fl-31 ta' Diċembru 2025, u fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral ippreżenta Rakkomandazzjoni Konġunta fejn talab li l-miżuri tekniċi jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2026. Dan jippermetti li jkomplu jiġu ottimizzati x-xejriet ta' sfruttament, tiżdied is-selettività tal-irkaptu u jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit dwar miżuri tekniċi xierqa.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fit-8 ta' Lulju 2025.

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2324 tat-23 ta' Awwissu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja (ĠU L 465, 29.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2324/oj).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/283 tat-28 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja (ĠU L, 2025/283, 10.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/283/oj).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.03.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/472/oj>).

⁷ https://stecf.ec.europa.eu/document/download/ec098f64-3df1-4feb-850c-1cb04ae58f86_en

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-azzjoni legali ewlenija hija li tiġi estiża l-validità tal-miżuri tekniċi attwali biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, jingħata kontribut għall-eliminazzjoni tal-qbid skartat u jitnaqqas il-livell ta' qabdiet mhux mixtieqa. Ir-Regolament jispeċifika l-ispeċijiet u s-sajd li għalihom japplikaw il-miżuri tekniċi speċifiċi.

Bażi legali

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241. Il-miżuri proposti kollha għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-baċir tal-baħar, kif oriġinarjament ġew proposti f'rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett f'dawk iż-żoni, sabiex jiġi emendat l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2019/1241.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.8.2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-miżuri tekniċi fil-livell reġjonali għall-ilmijiet tal-Unjoni fl-Ilmijiet tal-Majjistral.
- (2) Dak ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2324² fir-rigward tal-miżuri ta' rimedju biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw u tal-merlangu fil-Baħar Ċeltiku u tal-miżuri addizzjonali ta' selettività bil-għan li jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-gadojd fil-Baħar Irlandiż. Il-miżuri kkonċernati, li għandhom l-għan li jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-miżuri ta' konservazzjoni, il-pjanijiet pluriennali u l-pjan għall-iskartar tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Majjistral, sussegwentement ġew aġġornati u estiżi tliet darbiet, permezz tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2022/2588³, (UE) 2024/492⁴ u (UE) 2025/283⁵ rispettivament.

¹ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2324 tat-23 ta' Awwissu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja (ĠU L 465, 29.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2324/oj).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2588 tal-20 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja (ĠU L 338, 30.12.2022, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2588/oj).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/492 tat-30 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja (ĠU L, 2024/492, 13.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/492/oj).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/283 tat-28 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri

- (3) Dawk il-miżuri, introdotti fir-Regolament (UE) 2019/1241 bir-Regolament Delegat (UE) 2025/283, jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2025.
- (4) Permezz ta' rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral (il-Belġju, Spanja, Franza, l-Irlanda u n-Netherlands) jitlob l-estensjoni ta' dawk il-miżuri sal-31 ta' Diċembru 2026.
- (5) Peress li l-miżuri ta' rimedju għall-istokkijiet b'bijomassa f'livelli taħt il-B_{lim} previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/472 jibqgħu meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal livelli oġġla minn dawk li kapaċi jipproduċu l-MSY, fid-dawl tal-istat ta' tħassib tal-istokkijiet tal-ħut fil-Baħar Ċeltiku u fil-Baħar Irlandiż u d-diskussjonijiet li għaddejjin bejn l-Unjoni u r-Renju Unit dwar miżuri tekniċi relatati mal-istokkijiet tal-ħut maqbuda f'sajd imħallat fil-Baħar Ċeltiku, jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' rimedju jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2026, sabiex ikomplu jiġu ottimizzati x-xejriet ta' sfruttament, tiżdied is-selettività tal-irkaptu u jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa.
- (6) Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fit-8 ta' Lulju 2025.
- (7) Peress li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu. Peress li l-miżuri li jridu jiġu estiżi jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2025, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2026 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali.
- (8) Il-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament applikabbli għall-ilmijiet tal-Unjoni għandhom l-għan li jilħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 494(1) u (2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra⁶ u jikkunsidraw il-prinċipji msemija fl-Artikolu 494(3) ta' dak il-ftehim. Dawn huma mingħajr preġudizzju għal kull miżura applikabbli fl-ilmijiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelaġiku fil-Baħar Ċeltiku, fil-Baħar Irlandiż u fil-Punent tal-Iskozja (ĠU L, 2025/283, 10.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/283/oj).

⁶ ĠU L 149 30.04.2021, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.8.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN